MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 194/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta’ Ġunju, 2005 li permezz tagħha l-attriċi A ippremettiet:

Illi l-istanti u l-konvenut B iżżewġu fl-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elf, disa’ mija, sebgħa u tmenin (1987), f’Valletta, Malta [Dok 'A' hawn unit]

U illi ż-żwieġ ta' bejniethom tkisser irremedjabbilment minħabba adulterju, sevizzi, moħqrija, eċċessi, u offiżi gravi da parti ta' żewġha l-konvenut;

U illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, u ċioe` C u D, li dawn għadhom minorenni, tal-eta` ta' sbatax (17)-il sena u ta' ħdax (11)-il sena rispettivament [Doks 'B' u 'C' hawn uniti];

U illi fil-ħdax (11) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005) il-konvenut B issekwestra lil bintu l-minuri D mid-dar matrimonjali, fejn kienet qiegħda tabita ma' l-istanti u ma' oħtha C, u ħadha sabiex tabita miegħu l-Belt flimkien ma' terza persuna ma' liema huwa wkoll ser ikabbar il-familja, u *oltre* dan qiegħed jirrifjuta illi jirritorna lill-istess minuri fil-kura ta' ommha, qed jimpedixxi lill-istess istanti minn kwalunkwe aċċess għal bintha u qed iġiegħel lil bintu tfalli l-iskola, liema minuri ilha ma tattendi mit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005) [Doks 'DI sa' D14 hawn uniti];

U illi l-istanti ma taħdimx u *oltre* dan żewġha l-konvenut mhux qiegħed jissomministra l-ebda forma ta' manteniment xierqa versu lilha u versu wliedu;

U illi l-medjazzjoni ġiet iddikjarata magħluqa minn din l-istess Onorabbli Qorti Ċivili [Sezzjoni tal-Familja], permezz ta' Digriet numru ___/2004 mogħti fl-atti tal-ittra numru ___/04, kopja ta' liema tinsab hawn unita u mmarkata bħala Dok "E";

U illi l-istanti ottjeniet mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) l-awtorizzazzjoni sabiex tipproċedi għas-separazzjoni personali fil-konfront ta' żewġha u dan skond l-istess Digriet numru ___/2004 li ġie estiż permezz ta' Digriet numru ___/2005 (Dok ‘F' hawn unit);

Jgħid għalhekk il-konvenut l-għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn l-istanti u żewġha B minħabba ħtija jew ħtijiet imputabbli lill-konvenut ta' adulterju, sevizzi, moħqrija, eċċessi, u offiżi gravi, jew xi waħda minnhom, kommessi kontra l-istanti kif fuq premess, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri C u D lill-istanti, salv id-dritt ta' aċċess lill-konvenut;

3. Takkorda lill-istanti u liż-żewġ uliedha manteniment xieraq għalihom skond il-liġi;

4. Tittermina, tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi Borg u tassenja l-istess komunjoni bejn il-partijiet okkorrendo bin-nomina ta' Perit sabiex ifassal pjan ta' qasma, Nutar biex jippubblika l-att pubbliku, u kuraturi biex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-att.

5. Tapplika kontra żewġha l-konvenut interament jew in parti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 u / jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tad-Digriet numru 535/2005 kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut B ippreżentata fl-4 ta' Awissu, 2005 li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi għalkemm huwa minnu li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok għal separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dan pero' ġara biss minħabba tortijiet u ħtijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attriċi. *Di fatti* l-eċċipjenti qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dritt lilu mogħti tal-kontro-talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

2. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenut B fejn espona:

Illi l-kontendenti żżewġu fl-20 ta' Settembru 1987 fil-Parroċċa ta' San Pawl, Valletta;

U illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom żewġt itfal u ċioe` C ta' sbatax-il sena u D ta' ħdax-il sena lkoll aħwa ____;

U illi l-attriċi rikonvenzjonata rrendiet il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, permezz ta' adulterju, sevizzi, minaċċi, theddid u nġurji gravi da parti tagħha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant, u għalhekk iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

U illi l-konvenut rikonvenzjonat ottjena mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) l-awtorizzazzjoni sabiex jipproċedi għas-separazzjoni personali fil-konfront ta' martu u dan skond id-Digriet Numru ___/05 u dana wara li l-medjazzjoni ġiet dikjarata li ma seħħitx (Dok. "AB 1");

Tgħid għalhekk l-istess attriċi rikonvenzjonata l-għaliex m'għandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ hawn fuq imsemmi ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli minħabba tortijiet uniċi tal-attriċi rikonvenzjonata kif fuq spjegat, u konsegwentement TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dana bi ħtija unika tal-attriċi rikonvenzjonata.

2. Tillikwida ammont rappreżentanti manteniment li għandu jiġi mħallas mill-attriċi rikonvenzjonata lill-konvenut rikonvenzjonant għalih u għal binthom minuri D, li tagħha il-konvenut rikonvenzjonant għandu *'de fatto'* l-kura u l-kustodja, u TORDNA U TIKKUNDANNA lill-istess attriċi rikonvenzjonata sabiex tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik ir-retta alimentarja li tiġi hekk likwidata; filwaqt li TIDDIKJARA lill-attriċi rikonvenzjonata

li tiddekadi mid-dritt li tipperċepixxi manteniment mingħand il-konvenut rikonvenzjonant.

3. Tapplika kontra l-attriċi rikonvenzjonata l-effetti tal-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret mill-konvenut rikonvenzjonant.

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali u tassenja porzjoni lill-attriċi rikonvenzjonata u porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant *ope sententiam.* Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċievi u jippubblika l-att relattiv u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha dotali u / jew parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attriċi rikonvenzjonata tagħmel dan, TIKKUNDANNAHA tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi,* rappreżentanti l-valur tal-beni dotali u / jew parafernali suddetti.

6. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant sabiex jabita fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-attriċi rikonvenzjonata u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop.

Bl-ispejjeż u bl-attriċi rikonvenzjonata minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata A li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi hija ma topponix għas-separazzjoni personali li għandha tingħata għall-raġunijiet unikament imputabbli lill-konvenut rikonvenjent kif jidher fit-Talba Prinċipali;

2. Lanqas topponi għax-xoljiment u likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti b'dana pero` li jiġi applikat kontra l-konvenut rikonvenjent l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;

3. It-tieni u s-sitt talbiet tal-konvenut rikonvenjent huma inauditi u għandhom jiġu miċħuda ukoll bl-ispejjeż.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi rikonvenzjonata u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet inkluż tagħhom stess;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Dicembru 2005 li permezz tiegħu innominat lill-Avukat Dottor Michael Camilleri bħala Perit Legali, kif ukoll ir-rapport tal-istess Perit Legali debitament maħluf;

Rat id-diversi digrieti oħra li ġew mogħtija;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-A.I.C. Mario Cassar ukoll debitament maħluf;

Semgħet lill-minuri D *in camera*;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia' ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma' żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan; tant illi l-konvenut ippropona da parti tiegħu fil-kontro-talba fejn għamel l-istess talbiet. Il-kawża kienet

kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tirrileva (anke minn dak li qalet *in camera* l-minuri) illi hemm ċertu nuqqas ta’ sens ta’ responsabbilta’ da parti tal-partijiet anke fejn jirrigiwardja t-tfal. Dan wassal biex it-tifla l-kbira (li issa hija maġġorenni) ħarġet tqila ta’ eta’ żgħira (kienet għadha minorenni) filwaqt li D ddeċidiet minn jeddha (meta kienet għadha tgħix ma’ missierha) li titlaq mingħandu għaliex ma ssaportietx tgħix miegħu meta qed jgħix ma’ kuġintu li għandha biss tlieta u għoxrin sena u għandu tarbija mingħandha. Dan huwa ndikazzjoni tal-istess li fih il-partijiet jgħixu. Dwar dan pero’ l-Qorti jkollha opportunita’ tikkummenta aktar ’il quddiem. Għalhekk apparti t-tort ta’ min tfarrak iż-żwieġ il-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u l-manteniment li l-attur għandu jħallas. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f’paragrafi għalihom.

**Tort**

Kif ġia’ ingħad il-partijiet iwaħħlu f’xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fetħet il-kawża meta l-konvenut telaq mid-dar konjugali (kien ġia’ għamel hekk qabel) u allura talbet il-kustodja tat-tfal u l-manteniment. It-tifla l-kbira xehdet kontra ommha u jidher li dan anke ġej mill-fatt illi din kienet kontra l-fatt li bintha kellha relazzjoni ta’ eta’ żgħira ma’ raġel li kellu l-eta’ tiegħu. Fuq dan kellha raġun l-attriċi u nfatti dan ir-raġel spiċċa biex ġie kundannat sitt xhur ħabs fuq korruzzjoni ta’ minorenni (jidher li kienet l-istess C – dan ma ħariġx ċar ħafna u mhux għal kollox rilevanti). Il-konvenut jgħid illi l-attriċi qatt ma kienet tieħu bis-serjeta’ d-doveri tagħha bħala martu u omm it-tfal, u kienet aktar moħħha fi ħruġ u tisma’ r-radju, iċċempel appuntu fuq xi programmi radjufoniċi. Kemm il-konvenut kif ukoll it-tifla l-kbira xehdu li l-attriċi kienet dejjem żorra u tiġġieled spiss magħhom. Madankollu r-reazzjoni tal-konvenut, u ċioe’ li jitlaq mid-dar u jibda relazzjoni ma’ kuġintu *circa* għoxrin sena iżgħar minnu ma hijiex ġustifikata żgur. Il-Qorti jidhrilha wkoll li filwaqt l-adulterju da parti tal-konvenut huwa lampanti, fir-rigward tal-attriċi għalkemm għandha ħbiberija ma’ persuna oħra ma jirriżultawx l-estremi tal-adulterju – għallinqas mill-provi prodotti Huwa minnu pero’ illi l-fatt li inizjalment iż-żewġt itfal kienu kontra tagħha huwa ndikazzjoni illi ma

instawratx relazzjoni tajba magħhom sakemm kienu għadhom jgħixu flimkien.

Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali f'dan l-aspett billi tikkondividi l-konklużjoni tiegħu illi l-partijiet jaħtu t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu f' *sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** – Prim'Awla, 13 ta' Ġunju 1967). Il-Qorti jidhrilha pero' li l-konvenut kisser għal kollox il-possibbilta' li l-partijiet setgħu jirrikonċiljaw bir-reazzjoni tiegħu fuq imsemmija.

**Kura u kustodja tal-minuri**

Fil-mori tal-kawża kien hemm bdil fil-kura tat-tfal billi D l-ewwel marret tgħix ma' missierha, iżda imbagħad fuq talba tagħha stess reġgħet marret tgħix ma' ommha. Fil-fatt permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Novembru 2009 il-kura u kustodja ġiet affidata f'idejn l-attriċi u l-Qorti tħoss illi ma għandhiex tbiddel dan l-istat ta' fatt. Għandu jingħad illi t-tifla qed tirrifjuta li tkellem lil missierha, iżda ma hemm ebda raġuni għaliex dan ma għandux ikollu aċċess raġonevoli, għalkemm naturalment mhux la kemm wieħed jordna tifla ta' kważi ħmistax-il sena. Il-Qorti preokkupata minn ċertu kummenti li nnotaw xi għalliema tagħha fejn għalkemm jidher li tintegra tajjeb ma' sħabha u għandha l-potenzjal anke akkademiku, is-sitwazzjoni familjari qed tkun ta' problema emozzjonali kbira wisq għaliha.

**Qsim tal-Komunjoni u ritorn ta' beni parafernali**

Mill-ġbir tal-provi rriżultaw dawn l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

**Beni immobbli:**

Dar matrimonjali numru __, Triq _______________, _____ stmata mija u erbgħa u sebgħin elf, seba' mija u ħamsin Ewro (€174,750);

Garage numru __, Triq ________________, _____ stmat tlieta u għoxrin elf, u tliet mitt Ewro (€23,300);

**Beni mobbli:**
Kont kurrenti f'isem il-konvenut (JA3) bilanċ ta' erbgħa u tletin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm34.34);

Kont kurrenti Bank of Valletta f'isem il-konvenut b'bilanċ ta' elfejn, mitejn u ħamsa u tletin lira Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm2,235.10);

*Savings Account* Bank of Valletta f'isem l-attriċi – bilanċ ta' ħames liri Maltinu ċenteżmu (Lm5.01);

*Term Deposit Account* f'isem l-attriċi – bilanċ ta' mija u erba' liri Maltin u tlieta u tmenin ċenteżmi (Lm104.83);

**Mobbli fid-dar (mhux stmati).**
Vettura __-____ – din il-vettura jirriżulta illi nħarqet u l-attur inkassa ħamest elef, mija u tmienja u ħamsin lira Maltin (Lm5,158) tagħha mid-ditta assikuratriċi (________________________) f'Lulju 2004. Id-ditta msemmija baqgħet issegwi l-każ iżda ma jidhirx illi kien hemm żviluppi.

Vettura numru __-____ (garaxxjata mill-2004) mhux stmata.

Il-Qorti tħoss li l-proprjetajiet immobbli għandhom jinbiegħu u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. Bħalissa hija l-attriċi li qed tgħix fid-dar matrimonjali u għalhekk biex ikollha żmien tagħmel l-arranġamenti, u dan billi għandha l-minuri tgħix magħha u biex tipproteġi l-istess minuri l-Qorti se tordna illi l-bejgħ isir wara sentejn mid-data tas-sentenza, u l-attriċi tibqa' tgħix fil-fond mal-istess minuri sa ma jsir il-bejgħ. Naturalment dan ma japplikax għall-*garage* illi jista' jinbiegħ minnufih.

Il-Qorti taqbel tas-suġġeriment tal-perit legali illi kull parti għandha żżomm il-kontijiet bankarji f'isimha, iżda l-konvenut iħallas lill-attriċi bħala ekwiparazzjoni s-somma ta' elf, u disgħa u sebgħin lira Maltin u tmenin ċenteżmu

(Lm1,079.80) jew elfejn, ħames mija u ħmistax-il Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€2,515.26) f'dan ir-rigward.

Il-Qorti mhix se tordna valutazzjoni tal-mobbli biex ma jiżdiedux l-ispejjeż inutilment, u għalhekk se tassenja l-mobbli fid-dar konjugali lill-attriċi. Biex ipatti għal dan il-konvenut se jiġi assenjat iż-żewġ vetturi, kompriż ir-rikavat li kellu mill-assikurazzjoni.

Fir-rigward tat-talba tal-konvenut biex jiġi restitwit il-proprjeta' parafernali tiegħu ma nġiebu ebda provi fir-rigward.
Ma hemmx lok li jiġi nominat Nutar biex jippublika l-att ta' diviżjoni għaliex ir-reġistrazzjoni tas-sentenza fir-Reġistru Pubbliku tkun biżżejjed għall-finijiet kollha legali.

**Manteniment**
Wara li ngħataw diversi digrieti fir-rigward, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2009 il-Qorti ddekretat manteniment ta' mija u erbgħin Ewro (€140) fix-xahar għall-attriċi u mitt Ewri (€100) fix-xahar għall-minuri. Ma jidhirx illi hemm lok li dawn l-ammonti għandhom jiġu riveduti.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

1. **Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort prinċipali tal-konvenut u tort iktar minuri tal-attriċi;**
2. **Tilqa' t-tieni talba billi l-kustodja tal-minuri D tiġi affidata f'idejn l-attriċi b'aċċess liberu da parti tal-konvenut bi ftehim mal-minuri;**
3. **Tordna lill-attur iħallas manteniment ta' mitt Euro fix-xahar lill-konvenuta bħala manteniment għall-minuri, u mija u erbgħin Euro fix-xahar għall-istess attriċi *rebus sic standibus*;**
4. **Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-konvenut iż-żewġ vetturi reġistrati f'ismu ġia' msemmija, u l-kontijiet bankarji f'ismu, u lill-attriċi l-mobbli kollha fid-dar matrimonjali u l-kontijiet bankarji f'isimha – b'dan li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma**

ta’ elfejn, ħames mija u ħmistax-il Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€2,515.26) bħala ekwiparazzjoni; tordna li l-garaxx __, Triq ___________________, ______ jinbiegħ taħt l-awtorita’ tal-Qorti a bażi tal-istima tal-A.I.C. Mario Cassar fuq indikata ta’ tlieta u għoxrin elf, u tliet mitt Ewro (€23,300) u r-rikavat jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet; tordna li d-dar konjugali numru __, Triq _________________, _____ tinbiegħ mhux inqas minn sentejn wara l-għoti ta’ din is-sentenza a bażi tal-istima tal-istess perit ta’ mija u erbgħa u sebgħin elf, seba’ mija u ħamsin Ewro (€174,750) u r-rikavat ukoll jinqasam b’mod ugwali bejn il-partijiet; fil-frattemp l-attriċi tista’ tibqa’ tgħix fil-fond imsemmi flimkien mal-minuri;

5. Tilqa l-ħames talba.

Fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b’tort taż-żewġ partijiet iżda prinċipalment tal-konvenut stess;
2. Tiċħad it-tieni talba;
3. Tilqa’ t-tielet talba *eccetto* fir-rigward tad-dritt tal-attriċi li tipperċepixxi manteniment mingħand il-konvenut;
4. Fir-rigward tar-raba’ talba tiddeċiedi kif ġia’ deċiż fir-rigward tar-raba’ talba attriċi;
5. Tiċħad il-ħames talba;
6. Tiċħad is-sitt talba.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet, fir-rigward tat-talba attriċi u fir-rigward tal-kontro-talba u jiġu sopportati kwantu għal żewġ terzi mill-konvenuti u terz mill-attriċi.

Moqrija.

< Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------